**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 11 ta' Lulju, 2019**

**Talba Nru: 539/2018PM1**

**Marvin Zammit (K.I. 86675(M)) ezercenti l-kummerc bl-isem ta' Stoneage**

**V.**

**Paul Tabone (K.I. 0527872(M)) u Rachel Tabone (K.I. 0472081(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Novembru, 2018 illi permezz tieghu l-atturi talbu li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, it-

Tribunal ghandu jordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn, mitejn u sitta u tmenin euro u hamsa u hamsin centezmi (€2286.55) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghas-servizzi ta' twahhil u fornitura ta' materjal tal-*concrete* fil-proprjeta` tal-intimat, kif ukoll l-imghax mit-13 ta' Mejju, 2017 data tal-*invoice* relattiva sad-data tal-pagament effettiv u b-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess talba senjatament ricevuta datata 13 ta' Mejju, 2017 u l-kont datat 5 ta' Settembru, 2017.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 1 ta' Frar, 2019 li permezz taghha eccepew:

1. Illi l-konvenuti qeghdin jikkontestaw it-talba tal-attur
2. Illi l-konvenuti ppretendew li x-xoghol relattiv isir skont is-sengha u l-arti u wkoll skont l-iskop tax-xoghol illi gie ordnat
3. Illi minkejja li x-xoghol tar-rampa sar, dan ma sarx kif kien miftihem stante li l-vettura li fuqhom ittiehud l-qisien ma setghetx tinzel u/jew titla' l-istess rampa peress illi l-istess vettura hakket b'mod drastiku u allura dan juri li x-xoghol sar hazin
4. Illi l-konvenuti m'ghandhom ebda probema illi jhallsu ghal dan ix-xoghol biss jekk dan ix-xoghol isir kif huma jixtiequ
5. Illi l-attur gie infurmat diversi drabi sabiex jirranga din ir-rampa u dan peress illi l-konvenuti ghadhom sal-lum ma jistghux juzawha. L-attur accetta illi jirrimedja is-sitwazzjoni imma sal-lum ma sar xejn.

Ra l-kontro-talba kontestwali tal-istess konvenuti li permezz taghha talbu "*sabiex ir-rampa tigi rrangata u jekk ikun hemm il-htiega li tinqala' allura is-socjeta` Stoneage ghandha taghmel tajjeb ghal dawk l-ispejjez*" L-ammont mitlub f'dan ir-rigward gie rizervat.

Ra r-risposta tal-attur ghal tali kontro-talba li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament it-Tribunal m'huwiex kompetenti *ratione materiae* li jisma' u jaqta' t-talbiet tal-intimati rikonvenzjonanti.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rampa li saret mill-attur saret skont is-sengha u l-arti.
3. Illi minkejja l-allegazzjonijiet maghmula, kif ser jirrizulta bic-car fis-smiegh ta' din il-kawza, l-intimati qed jaghmlu uzu mir-rampa, liema rampa saret skont struzzjonijiet taghhom. Maghdud ma' dan, huma qatt ma ghamlu hlas ghall-istess ghajr ghall-ammont ta' €100 akkont tal-prezz.
4. Fl-ahhar lok, it-talba tal-intimati hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda tal-Perit Patrick Calleja u tal-konvenut waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju, 2019.

Sema' x-xhieda tal-attur waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju, 2019.

Sema' x-xhieda tal-atturi waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju, 2019.

Sema’ t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza finali ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi jirrizulta kjarament mill-atti li l-azzjoni odjerna tirrigwardja talba ghall-hlas tal-bilanc ta’ prezz fuq kuntratt t’appalt konkluz bejn il-partijiet u li, permezz tieghu, fuq inkarigu tal-konvenuti l-attur kellu jhejji rampa ghad-dhul u hrug mill-garaxx tal-istess intimati. Dak li l-attur kellu jissupplixxi ma kienx semplicement materjal imma rampa skont ix-xoghol elenkat fl-istess *invoice* ezebita bhala Dok. ‘A’ (fol. 4 tal-process). Da parti taghhom il-konvenuti qeghdin jirrezistu din it-talba billi jikkontendu li gjaladarba x-xoghol ghadu ma sarx sew l-attur ma jistax jippretendi li jithallas.

Illi f’dan ir-rigward, mill-aspett prettament legali, jinsab deciz is-segwenti:

> “*l-kommittent li jkun talab l-ezekuzzjoni tal-appalt u l-eliminazzjoni tad-difetti jista’ jirrifjuta li jhallas in bazi ghall-principju “inademplenti non est adimplendum”. Hu infatti pacifikament akkolt illi l-appaltatur ma ghandux dritt jezigi l-hlas tax-xoghol li jkun indahal ghalih u l-azzjoni tieghu ghal dan il-hlas titqies intempestiva sakemm ma jkunx irranga d-difetti jew*

*ikkompleta x-xoghol. Ara a propozitu "***Carmelo sive Charles Mallia -vs- Ivan John Fonk***", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1975 u "***Francis Spiteri noe -vs- Emmanuele Cassar***", Appell Civili, 14 ta' Marzu 1975. Jinsab ahjar spjegat minn ezami tad-decizjonijiet in materja illi "il-Qrati taghna f'certi kazijiet ordnaw il-hlas tal-prezz tal-appalt stabbilit "a misura" meta kien hemm difetti parzjali u mhux sostanzjali fix-xoghol, izda ordnaw lill-kommittent jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti. F'kazijiet ohra fejn ix-xoghol kien ezegwit in parti sewwa u in parti hazin, giet negata lill-appaltatur kull parti mill-prezz fuq il-motiv li x-xoghol ma kienx skond ma titlob is-sengha. F'kazijiet ohrajn il-Qorti ordnat li titnaqqas mis-somma li tigi mhallsa somma stmata mill-perit bhala kumpens ghad-difetti fix-xoghol, specjalment meta ma jkunx aktar possibbli jew prattikabbli li jigu rrangati d-difetti". – "***Francis Mallia pro et noe -vs- Edwin Magri***", Appell Civili, 13 ta' Ottubru 1989.*

*Stabbiliti dawn il-preliminari guridici tal-materja, jirrizulta fil-kaz in disamina illi l-atturi optaw ghall-ezekuzzjoni tal-appalt fis-sens illi l-konvenut appellant jigi mgieghel jirripara u jelimina d-difetti. Difetti li l-perizja teknika, bhala fonti objettiva ta' responsabilita`, irrilevat u accertat fil-kawza fl-ismijiet inversi (Avviz Numru 2082/97). L-ewwel Qorti gustament, fuq ir-rizultanzi teknici, ma sabetx raguni ghaliex m'ghandhiex issegwi l-konkluzjoni tal-espert taghha u ghalhekk iddeterminat illi l-appellant ma ghandux jedd ghall-hlas qabel ma jadempixxi ruhu u jezegwixxi ddebiti*

*ripari tal-opra lilu appaltata. Huwa prezunt illi f'dan l-ewwel Qorti segwiet il-hsieb traccjat fis-sentenza flismijiet "***Antonio Pisani -vs- Carmelo Debattista***" deciza mill-Prim'Awla fit-8 ta' Mejju 1958 li pprecizat illi "***jekk ix xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt ma jkunx kollu lest, jew ma jkunx kollu ezegwit skond is-sengha, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi l-hlas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta' dak ix-xoghol, ghax meta x-xoghol li ghalih gie pattwit prezz determinat ma jkunx kollu lest (jew mhux ezegwit sewwa) l-appaltatur ma jistghax jitlob il-hlas, la kollu u lanqas parti minnu***".*

***Huwa logikament desumibbli minn dan illi fejn l-opra tipprezenta difetti ma jistghax jinghad li l-appalt gie ezegwit. Li jfisser allura lili jekk l-appalt mhux ezegwit, anke f'sens ta' bonta` u adattabilita` tal-opra, l-appaltatur ma jistghax jippretendi l-hlas tal-korrispettiv sakemm l-opra ma tkunx accettabbli u ezenti minn kull difformita`. Hu biss meta l-opra tirrizulta sodisfacenti illi l-appaltatur ikollu jedd jircievi l-hlas.*** »
**Christopher u Lucienne konjugi Meli vs Emanuel Galea** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Gunju, 2004 – enfazi mizjuda).

Hekk ukoll jinsab deciz li :

*« Jekk id-difetti jkunu ta'certa gravita' l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-'exceptio non rite adempleti contractus' ghad-domanda*

*li ssirlu ghall-hlas; jekk min-naha l-ohra d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati jew jaccetta riduzzjoni.* » (**Charles Camilleri u Anthony Attard Vs Charles Farrugia noe.** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Frar, 2004)

Illi mill-aspett fattwali tal-kaz irrizulta li ghalkemm l-attur kien ha l-kejl necessarju ghat-thejjija tar-rampa a bazi tal-vettura tal-konvenuti, meta dawn tal-ahhar gew biex juzaw tali rampa din bdiet thokk minn taht mal-vettura taghhom. L-attur, debitament infurmat b'din il-problema, kien ghall-ewwel accetta li jwettaq ix-xogholijiet riparatorji imma mbaghad irrifjuta dan u beda jitlob pagamenti ulterjuri qabel ma jwettaq alterazzjonijiet fuq ix-xoghol tieghu. F'dan ir-rigward jidher li l-qbil milhuq kien li l-perit tekniku tal-konvenuti, il-Perit Calleja, kellu jzomm il-flus sakemm isiru x-xogholijiet riparatorju u jigu certifikati. Il-partijiet jaqblu li huma ltaqghu fuq il-post fil-presenza tal-istess perit. Jaqblu wkoll li f'dik l-okkazzjoni il-vettura dahlet fil-garaxx minghajr ma hakket imma dan b'certa diffikulta` u wara li s-sewwieq immanuvra il-vettura b'mod irregolari qrib hafna l-pilastri tal-garaxx ukoll in vista ta' vettura ipparkjata vicin il-garaxx. F'dan ir-rigward il-Perit Calleja xehed li

« *Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li iva jiena kont prezenti waqt li kienu qeghdin isiru tentattivi u testijiet fir-rigward ta' din ir-rampa, nghid illi fl-opinjoni tieghi bhala professjonist tekniku nghid illi kien hemm il-htiega ta' xogholijiet rimedjali. Nghid illi*

*jiena stajt ninnota fuq din ir-rampa is-sinjali fejn il-vettura kienet qieghedha tmiss, f'dik l-okkazjoni nghid li jiena m rajthiex il-vettura tmiss pero` nghid illi kienet qieghdha tghaddi bi zbrixx dan minhabba li kien hemm vettura ipparkjata u minhabba l-manuvrar estrem li kienet qieghdha taghmel l-istess vettura. Nghid illi kien qed tghaddi bi zbrixx nghid li l-vettura kienet qed tghaddi bi ftit millimetri. (...) Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid illi jiena din id-distanza millimetrika li kien hemm bejn il-qiegh tal-karozza u r-rampa ghalija personalment ma kenux bizzejjed u kien ghaldaqstant illi ahna ftehmna li jsiru x-xogholijiet rimejali. Nghid illi fil-fatt sabiex kien hemm din id-distanza millimetrika bejn il-qiegh tal-karozza u r-rampa l-karozza kellha tigi mmanuvrata b'mod mhux naturali b'tali mod illi kienet qed tersaq vicin hafna tal-pilastru tal-garaxx normalment ovvjament il-vetturi jinstaqu fin-nofs tar-rampa (...)* ***<u>Nghid illi jekk kollox baqa' l-istess bhala dak li jiena rajt fuq il-post dakinhar illi jiena accedejt fuqu kif xhedt in ezami nghid li prezentement ir-rampa mhux qed isservi l-funzjoni taghha (...)</u>*** » (enfazi mizjuda).

L-istess attur jikkonferma wkoll li:

"*Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid u nikkonferma illi fil-fatt kien hemm vettura ipparkjata ftit qrib il-garaxx u minhabba f'hekk il-vettura tal-intimat kellha tigi manuvrata b'mod partikolari eqreb lejn il-gnub tal-garaxx biex setghet tidhol minghajr ma tkun tista' thokk minn taht. Nghid illi bi ftehim bejni u bejn il-perit tal-intimat*

*konna accettajna illi x-xogholijiet ta' riparazzjoni jkunu kostitwiti mit-tnehhija ta' madwar nine square meters tal-istess rampa.*"

Illi fid-dawl ta' dan kollu huwa car li l-kompitu tat-Tribunal huwa dak li jiddetermina jekk ix-xoghol prestat mill-attur ghandux xi forma ta' utilita` ghall-intimati in linea mal-kazistika hawn fuq citata. F'dan ir-rigward, lilhinn minn dak li xehdu l-partijiet rispettivi, l-unika xhieda teknika imressqa quddiem it-Tribunal kienet dik tal-Perit Calleja li f'dan ir-rigward jaghmilha cara li, fl-istat prezenti taghha, ir-rampa mhux qed isservi il-funzjoni taghha. Fuq kollox tali verzjoni hija wkoll konfermata mill-istess attur li jikkonferma li l-ftehim inizjali kien illi huwa kellu jaghmel xogholijiet riparatorji. Jidher illi l-fatt li, f'dan il-kaz, l-attur kien accetta depozitu allegatament inqas mis-soltu (oltre l-fatt li x-xogholijiet riparatorji kienu ser jinvolvu nefqa ulterjuri) wassal sabiex dan il-ftehim ma jigix attwat billi l-attur jinsisti ghal pagamenti ulterjuri min-naha tal-intimati.

Illi konsegwentement ghas-surreferit huwa car li sabiex ir-rampa tigi kkunsidrata utli ghall-konvenuti din kellha tkun maghmulha b'tali mod illi tisodisfa l-iskop li ghalih kienet intiza u cioe` li tagevola l-access tal-vettura tal-konvenuti minn u ghall-garaxx taghhom, dan minghajr il-htiega li wiehed joqghod jassigura ruhu li tali vettura tkun vojta, minghajr il-htiega ta' manuvri irregolari bir-riskju ta' hsara, u wkoll minghajr ma tigi rekata hsara lill-istess vettura billi din thokk mar-rampa jekk il-vettura tinstaq min-nofs taghha kif isir regolarment. Tenut kont tac-cirkostanzi, senjatament dak determinat mill-Perit Calleja u wkoll l-accettazzjoni inizjali da parti tal-istess attur li jwettaq xogholijiet riparatorji, it-Tribunal isib li r-rampa prezenti ma sservix l-iskop li

ghalih giet ordnata. Fin-nuqqas ta' xogholijiet riparatorji tali rampa ma jista' jkollha ebda utilita` ghall-intimati wisq anqas huwa l-istess attur f'posizzjoni li jigarantixxi l-bonta` tal-prestazzjoni tieghu.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal isib li gjaladarba ir-rampa prezenti ma tistax isservi l-iskop illi ghalih giet ikkommissjonata, id-difetti prezenti huma kemm sostanzjali u kif ukoll essenzjali. Prezentement ir-rampa la hi accettabbli u lanqas ezenti minn deformita`. Konsegwentement it-talba ghall-hlas da parti tal-attur hija intempestiva u kwindi ghandhom ragun il-konvenuti meta jeccepixxu li huma m'ghandhomx ikunu tenuti jhallsu l-bilanc tal-prezz mitlub minnhom sakemm ma jsirux ix-xogholijiet riparatorji li jistghu finalment jiggarantixxu l-bonta` tal-opra prestata. Ghaldaqstant it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad it-talba attrici.

Illi permezz tal-kontro-talba taghhom il-konvenuti qed jitolbu « *sabiex ir-rampa tigi irrangata, u jekk ikun hemm il-htiega l tinqala' allura is-socjeta` Stoneage ghandha taghmel tajjeb ghal dawk l-ispejjez* ». F'dan ir-rigward il-kontro-talba tindika ammont li qed jigi rizervat. L-attur jikkontendi preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal *ratione materiae*. Illi skont l-art. 730 tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili** (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) it-Tribunal huwa tenut li jiddeciedi tali eccezzjoni b'kap għaliha, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.

Illi f'dan ir-rigward huwa car li l-attur ghandu ragun filli t-talba rikonvenzjonali tal-intimati tmur oltre il-kompetenza *ratione materiae* koncessa mil-ligi lit-Tribunal. F'dan ir-rigward l-art. 3(2) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar** jipprovdi espressament li l-kompetenza tat-

Tribunal hija limitata ghal it-talbiet  kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000). Huwa car li t-talba rikonvenzjonali bl-ebda gbid tal-immaginazzjoni ma tista' tigi kkunsidrata bhala talba ghall-hlas ta' somma ta' flus tant illi la tramite t-talba innifisha u lanqas tramite l-provi prodotti ma gie determinat xi ammont mitlub skont tali talba ghat-tiswija u/jew rimozzjoni tal-istess rampa. Wisq anqas huwa t-Tribunal kompetenti sabiex jordna l-hlas ta' somma rizervata jew ir-rimozzjoni jew it-tiswija tar-rampa kummissjonata mill-konvenuti. F'dan ir-rigward il-konvenuti ghandhom jiddeterminaw ezattament xi jridu jottjenu bit-talba taghhom u jressqu tali talba quddiem il-forum kompetenti. F'dan l-istadju lanqas jista' t-Tribunal jiehu xi azzjoni f'dan ir-rigward u dana ghaliex il-kontro-talba kif dedotta m'hijiex sufficjentement cara. Madanakollu t-Tribunal jawspika li l-partijiet jergaw jirrikorru ghall-ftehim taghhom minghajr il-htiega ta' proceduri legali ulterjuri. Ghaldaqstant il-kontro-talba tal-konvenuti wkoll timmerita li tigi michuda.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, jichad it-talba attrici, jilqa' wkoll l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-attur ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-bqija tal-eccezzjonijiet, jichad konsegwentement il-kontro-talba tal-istess konvenuti. L-ispejjez relatati mat-talba jigi sopportati mill-attur, filwaqt illi dawk relatati mal-kontro-talba jigu sopportati mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**